## ABBOZZ TA' LIĠI
### msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, Kap. 419.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, u għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 419.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

**2.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-paragrafi (k) u (l) tiegħu għandhom jiġu mħassra u sostitwiti b'dan il-paragrafu (k) ġdid li ġej:

"(k) żewġ membri maħtura mill-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija; u"; u

(b) il-paragrafu (m) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala (l).

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan ta' dan l-Abbozz hu sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, in segwitu għall-emendi fil-Kodiċi tal-Kummerċ in vista ta' l-amalgamazzjoni ta' organizzazzjonijiet li huma involuti fis-settur kummerċjali u dak industrijali.

**A Bill**
**entitled**

*AN ACT to amend the Malta Standards Authority Act, Cap. 419.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:

Short title and commencement.

**1.** (1) The short title of this Act is the Malta Standards Authority (Amendment) Act, 2008 and this Act shall be read and construed as one with the Malta Standards Authority Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Cap. 419.

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for the Malta Standards Authority may by notice in the Gazette appoint.

Amendment of article 3 of the principal Act.

**2.** Sub-article (2) of article 3 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) paragraphs (k) and (l) thereof shall be deleted and substituted by the following new paragraph (k):

"(k) two members appointed by the Chamber of Commerce, Enterprise and Industry; and"; and

(b) paragraph (m) thereof shall be renumbered as (l).

---

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to amend the Malta Standards Authority Act, following the amendments to the Commercial Code in view of the amalgamation of organisations involved in the commercial and industrial sector.